

Brussell, 23 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11067/20

PUBLIC 60
INF 162

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL -
OTTUBRU 2019

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2019²³.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

¹ Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara bil-korsiv).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġiżlattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill hawnhekk: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq:
<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document/>

Ta' min wieħed jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2019	
Proċedura bil-miktub konklużi fl-1 ta' Ottubru 2019	CM 4187/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja - rieżami</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1663 tal-1 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 252, 2.10.2019, p. 36–37	12131/19
Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1663, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU C 331, 2.10.2019, p. 3–3	12143/19
Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1663, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU C 331, 2.10.2019, p. 4–4	12143/19
It-3716 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent) li saret fil-Lussemburgu fl-4 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 12911/19)	
ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	
	DOKUMENT
<i>Aċċess pubbliku għad-dokumenti</i> Applikazzjoni konfermatorja Nru 19/c/04/19	12440/19
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1671 tal-4 ta' Ottubru 2019 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew ĠU L 256, 7.10.2019, p. 8–9	12029/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Azzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-UE b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1672 tal-4 ta' Ottubru 2019 dwar Azzjoni ta' Stabbilizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen ĠU L 256, 7.10.2019, p. 10–16	12037/19

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE bil-ksieb tal-proċedura bil-miktub fil-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1763 tal-4 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti modifiki għall-ispeċifikazzjoni fir-Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi (NVR) u għall-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi — Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF) ĠU L 270, 24.10.2019, p. 79–80	11365/19
It-3717 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 12912/19)	
ATTI LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Regolament dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni għall-Att ta' Ġinevra (Indikazzjonijiet Ġeografiċi)</i> Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1–11	74/1/19 REV 1
<i>Direttiva dwar l-informaturi</i> Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17–56	78/1/19 REV 1
<i>Direttiva li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq</i> Direttiva (UE) 2019/1936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq ĠU L 305, 26.11.2019, p. 1–16	69/2/19 REV 2

<i>Regolament dwar l-Istatistika Soċjali Ewropea</i> Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1–32	63/1/19 REV 1
ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Deċiżjonijiet ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-iskambju awtomatizzat ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD) fl-Irlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1697 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi fl-Irlanda ĠU L 259, 10.10.2019, p. 63–64	7290/19
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Estonja, ritorn</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li ġew identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Estonja fir-rigward tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	12573/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-direttivi ta' negozjar għall-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp fir-rigward tan-negozjati għal qafas multilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-investimenti</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-direttivi ta' negozjar għall-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp fir-rigward tan-negozjati għal qafas multilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-investimenti	10973/19
<i>Ftehim ta' Bonn</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Wieħed u Tletin Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti dwar l-emendi għall-Ftehim għall-Kooperazzjoni fit-Trattament tat-Tniġġis fil-Baħar tat-Tramuntana miż-Żejt u Sustanzi Oħra Perikolużi ("Ftehim ta' Bonn") fir-rigward tat-twessiegħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim u fir-rigward tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja mal-Ftehim	12187/19

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1727 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fit-Tieni Laqgħa Ministerjali tal-Ftehim ta' Bonn fir-rigward tad-Dikjarazzjoni Ministerjali u l-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tal-Ftehim ta' Bonn (BASAP) 2019-2025 anness magħha ĠU L 263, 16.10.2019, p. 9–31	12188/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex tiġi estiża l-eżenzjoni tas-CBERA</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1708 tas-7 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi deroga tad-WTO li tippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali skont l-Att tal-Istati Uniti dwar l-Irkupru Ekonomiku tal-Baċir tal-Karibew (CBERA) ĠU L 260, 11.10.2019, p. 48–49	12117/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO li testendi d-deroga tal-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw għall-pajjiżi l-anqas żviluppati</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1709 tas-7 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li testendi deroga tad-WTO li tippermetti lill-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw jipprovdu trattament tariffarju preferenzjali għal prodotti tal-pajjiżi l-anqas żviluppati ĠU L 260, 11.10.2019, p. 50–51	12121/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk 2013-2018</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2156 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Marokk għall-implimentazzjoni tal-istatus avvanzat (2013-2017) ĠU L 327, 17.12.2019, p. 75–77	12181/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fis-Sottokomitati ta' Ġestjoni Sanitarja u Fitosanitarja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1748 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tas-Sottokomitati ta' Ġestjoni Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Anness V tal-Kapitolu 4 ta' dak il-Ftehim ĠU L 268, 22.10.2019, p. 53–72	11922/19

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Att ta' Ġinevra (Indikazzjonijiet Ġeografiċi)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orìġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12–14	6929/19
It-3718 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fil-Lussemburgu fl-10 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 13002/19)	
ATTI LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 4/2019</i> Nonapprovazzjoni tal-emenda/i tal-Parlament Ewropew	12757/19
ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Aċċess pubbliku għad-dokumenti</i> Applikazzjoni konfermatorja Nru 28/c/01/19	12411/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Sħubija UE-Armenja fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' arbitri</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1736 tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri f'proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim ĠU L 265, 18.10.2019, p. 4–6	12152/19

It-3719 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fil-Lussemburgu fl-14 u fil-15 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 13107/19)	
ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Regolament eu-LISA: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni fakultattiva tal-Irlanda</i> Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/1749 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ĠU L 268, 22.10.2019, p. 73–76	12543/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża mal-Belarużsja</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1915 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarużsja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi ĠU L 297, 18.11.2019, p. 1–2	12361/19
<i>UPPE: Deċiżjoni li taħtar il-Kap Prosekutur Ewropew</i> Deċiżjoni 2019/1798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru 2019 li taħtar il-Kap Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ĠU L 274, 28.10.2019, p. 1–2	6966/19

It-3720 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 13108/19)	
ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra Al Qaida - rieżami</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1721 tal-14 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impenzi u entitajiet assoċjati magħhom ĠU L 262, 15.10.2019, p. 64–65	12071/19
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1717 tal-14 ta' Ottubru 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom ĠU L 262, 15.10.2019, p. 11–12	12074/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi dwar l-Armi Kimiċi - rieżami</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1722 tal-14 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi ĠU L 262, 15.10.2019, p. 66–66	12163/19
<i>Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58–63	11725/19
Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1–10	11726/19

It-3721 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 13109/19)	
ATTI LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>EMIR: Superviżjoni tas-CCP</i> Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi ĠU L 322, 12.12.2019, p. 1–44	88/1/19 REV 1
<i>Emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2020</i> Nonapprovazzjoni tal-emenda/i tal-Parlament Ewropew	12712/19
Proċedura bil-miktub konklużi fis-17 ta' Ottubru 2019	CM 4403/19
<i>Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana - traspożizzjoni tan-NU</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1737 tas-17 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 265, 18.10.2019, p. 7–9	12330/19
Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1735 tas-17 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 265, 18.10.2019, p. 1–3	12575/19

It-3723 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur), li saret fil-Lussemburgu fl-24 ta' Ottubru 2019 (Minuti: 13565/19)	
ATTI LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Proposta ta' kontinġenza għall-Brexit għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) (2014-2020)</i> Regolament (UE) 2019/1796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) ĠU L 279L, 31.10.2019, p. 4–6	92/1/19 REV 1
<i>Proposta ta' kontinġenza għall-Brexit għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u operazzjonijiet tas-sajd ta' bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni</i> Regolament (UE) 2019/1797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2403 fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tar-Renju Unit u għall-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tar-Renju Unit fl-ilmijiet tal-Unjoni ĠU L 279L, 31.10.2019, p. 7–10	94/1/19 REV 1
<i>Proposta ta' kontinġenza għall-Brexit dwar il-perijodi ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502</i> Regolament (UE) 2019/1795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/501 u (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perijodi ta' applikazzjoni tagħhom (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 279L, 31.10.2019, p. 1–3	91/1/19 REV 1

ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI	
ATT	DOKUMENT
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mas-Seychelles dwar l-aċċess għall-ilmijiet ta' Mayotte mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tas-Seychelles għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ta' Mayotte	12321/19
<i>Regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' São Tomé u Príncipe</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2219 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea ĠU L 333, 27.12.2019, p. 31–32	12200/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma' São Tomé u Príncipe</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea	12199/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' São Tomé u Príncipe</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2218 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea ĠU L 333, 27.12.2019, p. 1–2	12198/19

Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe l-Komunità Ewropea ĠU L 333, 27.12.2019, p. 3–30	12202/19
<i>Aċċess pubbliku għad-dokumenti</i> Applikazzjoni konfermatorja Nru 24/c/01/19	11750/19
<i>Aċċess pubbliku għad-dokumenti</i> Applikazzjoni konfermatorja Nru 25/c/01/19	11807/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-emenda tal-VFA</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Cape Verde għall-konklużjoni ta' ftehim li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea	12898/19
<i>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Eurojust u s-Serbja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Eurojust tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u s-Serbja	10334/19
<i>Protokoll għall-parteċipazzjoni tal-Awtorità Palestinjana fi Programmi tal-Unjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni	12667/19
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni	12669/19

<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ: il-limitu massimu għall-2021, l-ammont annwali għall-2020, l-ewwel ħlas parzjali għall-2020 u tbassir indikattiv 2022-2023</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1800 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2021, l-ammont annwali għall-2020, l-ewwel ħlas parzjali għall-2020 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2022 u 2023 ĠU L 274, 28.10.2019, p. 9–11	12974/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ: it-tielet pagament 2019</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1801 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tielet ħlas parzjali għall-2019 ĠU L 274, 28.10.2019, p. 12–14	12985/19
<i>Artikolu XXVIII tal-GATT, Ftehim mal-Iżvizzera fir-rigward tal-laħam imħawwar</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1864 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-kuntest ta' negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet tad-WTO lill-Iżvizzera fir-rigward ta' laħam imħawwar ĠU L 289, 8.11.2019, p. 1–2	12481/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tal-missjoni dwar EUCAP Somalia</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/155 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tas-Somalja dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ĠU L 34, 6.2.2020, p. 3-4	12529/19

<i>Deċiżjoni, Regolament u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1788 tal-24 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 272, 25.10.2019, p. 147–149	12618/19
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1779 tal-24 ta' Ottubru 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 272, 25.10.2019, p. 5–6	12621/19
Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1777 tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ĠU L 272, 25.10.2019, p. 1–2	12627/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1789 tal-24 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 272, 25.10.2019, p. 150–151	12717/19
<i>Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1790 tal-24 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU L 272, 25.10.2019, p. 152–153	12724/19
Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1778 tal-24 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Guinea ĠU L 272, 25.10.2019, p. 3–4	12726/19
Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1790, u fir-Regolament (UE) Nru 1284/2009 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1778 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU C 361, 25.10.2019, p. 4–4	12844/19
Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea ĠU C 361, 25.10.2019, p. 5–5	12844/19

<i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo - prenotifika ta' dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati</i> Dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati maħsuba	13292/19
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [Kooperazzjoni Klimatika Estiża UE – Iżlanda – Norveġja]</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1843 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendar tal-Protokoll Nru 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 282, 4.11.2019, p. 25–34	12638/19
Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Ottubru 2019	CM 4587/19
<i>Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1–14	13239/19

Dikjarazzjoni mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja u mill-Kummissjoni dwar il-mitigazzjoni tal-effetti soċjoekonomiċi tal-kriżi fis-sajd fil-Baħar Baltiku Il-Kunsill ħa deċiżjoni dwar restrizzjonijiet tas-sajd meħtieġa u mingħajr preċedent għall-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant filwaqt li stabbilixxa wkoll limiti severi għall-istokk tal-bakkaljaw tal-Punent u l-istokk tal-aringi tal-Punent. L-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant b'mod speċjali jinsab f'livelli baxxi mingħajr preċedent u jbatu mill-influwenza ta' bosta fatturi ambjentali u tal-ekosistema kkawżati mill-bniedem li jagħmlu ħsara, minbarra l-pressjoni tas-sajd. L-għan miftiehem huwa li jiġi appoġġat l-irkupru tal-istokkijiet lejn livelli sostenibbli, kif previst fil-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-Baħar Baltiku. Madankollu, ma jistax ikun mistenni rkupru għal diversi snin. Għalhekk, din is-sitwazzjoni ser twassal għal kapaċità żejda tal-flotta tas-sajd u għal konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi għall-komunitajiet u għan-negozji tas-sajd fl-Istati Membri li huma affettwati. Għalhekk, l-Istati Membri fil-Baħar Baltiku u l-Kummissjoni jenfasizzaw l-importanza li jiġu żgurati ġestjoni xierqa tal-kriżi u miżuri effettivi ta' kontroll tas-sajd sabiex jiġu evitati effetti kollaterali fuq is-sajd ta' speċijiet oħra. L-Istati Membri tal-Baħar Baltiku u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li s-sitwazzjoni allarmanti fl-ekosistemi tal-Baħar Baltiku tirrikjedi azzjoni urġenti, konġunta u komprensiva biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin ta' dik is-sitwazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri kkonċernati jiddikjaraw li: - jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-pressjonijiet ambjentali ewlenin fiż-żona tal-Baħar Baltiku (bħat-tniġġis, l-ewtrofikazzjoni, id-degradazzjoni tal-ħabitats) jiġu indirizzati f'ras il-ġħajn b'mod effettiv u urġenti, permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u, fejn ikun xieraq, permezz ta' miżuri addizzjonali, pereżempju miżuri innovattivi. Dawk il-miżuri ser jiġu inklużi wkoll b'mod integrat fl-aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku ta' HELCOM. - jekk ikollhom bżonn inaqqsu l-kapaċità tal-flotta biex jimmaniġġjaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tat-tnaqqis tas-sajd, huma ser jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan skont l-Artikolu 22 tar-regolament tal-PKS⁴ li jiżgura li l-flotta tagħhom ser tikseb u żżomm bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd.	13250/19
---	----------

⁴ Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

Għalhekk, l-Istati Membri tal-Baħar Baltiku jistiednu lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tressaq proposta għal emenda tar-Regolament tal-FEMS (Regolament (UE) Nru 508/2014) biex tippermetti appoġġ għal waqfien permanenti (art 34) u waqfien temporanju (art 33) ta' bastimenti tas-sajd. Il-ġestjoni xierqa tal-kriżi fis-sajd fil-Baħar Baltiku tirrikjedi l-mitigazzjoni tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi mingħajr dewmien. Minħabba l-urġenza ta' din il-kriżi, dawn il-miżuri għandhom ikunu disponibbli mill-aktar fis possibbli fl-2020. Għalhekk, il-Kummissjoni ser tikkunsidra b'mod urġenti l-inizjattivi kollha possibbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ta' sostenibbiltà tal-Politika Komuni tas-Sajd, tal-MAP Baltiku u tal-FEMS u b'mod partikolari biex jinkiseb u jinżamm bilanċ bejn il-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Ir-ristrutturar meħtieġ ta' dawn il-flotot ser ikun prijorità immedjata f'dan il-kuntest, inkluż permezz ta' appoġġ ta' finanzjament. Il-Kummissjoni ser tivvaluta b'mod urġenti l-pjanijiet ta' azzjoni li l-Istati Membri ser jadottaw skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-PKS, sabiex l-implimentazzjoni tagħhom issir b'mod rapidu. L-Istati Membri kkonċernati jirrikonoxxu li fid-dawl tal-ħtieġa li titnaqqas il-kapaċità tal-flotta, huwa importanti li tiġi evitata għajjnuna pubblika għal investimenti f'kapaċità addizzjonali ta' sajd. Il-Kummissjoni għandha fehma pożittiva dwar l-użu tal-finanzjament nazzjonali tal-Istati Membri biex jittaffew l-effetti soċjoekonomiċi negattivi fis-sajd fil-Baħar Baltiku dment li dawn l-iskemi nazzjonali jkunu konformi mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura. Il-Kummissjoni hija lesta tipproċessa b'mod rapidu n-notifiċi ta' dawn l-iskemi nazzjonali skont ir-regoli applikabbli u, jekk jinstabu kompatibbli mill-Kummissjoni, il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji f'konformità mar-regoli dwar l-effetti ta' inċentiv jistgħu jinstabu eliġibbli mid-data li fiha l-applikazzjoni għall-għajjnuna tkun ġiet ippreżentata mill-benefiċjarju lill-awtoritajiet nazzjonali. Biex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar l-indeboliment tal-istokkijiet tal-bakkaljaw u tal-aringi, u biex tingħata assistenza fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni fit-tul għall-irkupru ta' daww l-istokkijiet, jista' jkun hemm disponibbli finanzjament għal studji xjentifiċi mill-programm ta' ħidma 2020 taħt il-ġestjoni diretta tal-FEMS. L-Istati Membri rilevanti fil-Baħar Baltiku ser jesploraw miżuri konġunti possibbli biex jitnaqqas l-impatt ta' popolazzjoni kbira ta' foki fuq l-istokkijiet tal-ħut u fuq is-sajd, bħall-parassiti li qed jimpestaw il-bakkaljaw.	
---	--

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Punent u tal-aringi tal-Punent Fil-każ ta' parir xjentifiku ġdid dwar il-punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni tal-aringi tal-Punent, il-Kummissjoni ser tikkunsidra proposti xierqa biex jiġu emendati l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringi tal-Punent għall-2020. Fil-każ ta' parir xjentifiku ġdid dwar il-livell tat-TAC għall-bakkaljaw tal-Punent, il-Kummissjoni ser tikkunsidra proposti xierqa biex jiġu emendati l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Punent għall-2020.	13250/19
Dikjarazzjoni mid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku għall-bakkaljaw tal-Lvant fl-2020 Minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant hija inqas minn Blim u li fl-2020 ser jiġu permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dan l-istokk fl-2020. Din l-impriża hija reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant.	13250/19
Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Ġermanja dwar l-opzjoni ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) Il-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd. Il-Ġermanja tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni, billi tintroduċi perijodi addizzjonali ta' għeluq għall-istokkijiet tal-Bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u tal-Aringi tal-Baltiku tal-Punent fis-subdiviżjonijiet 22-24. Il-Kummissjoni u l-Ġermanja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003 hija eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS.	13250/19